MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2724/2002

**Lawrence u Carmen konjugi Bonnici**

**Vs**

**Lewis Abela u Antoine Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm323.18) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Settembru 2002 bejn ix-xarabank bin-numru DBY 320 misjuqa mill-konvenut Lewis Abela u KIA bin-numru HAP 037, b'rizultat ta' liema x-xarabank habtet fil-vettura Peugeot bin-numru IAG 348 propjeta ta' l-attur.

Ra li l-konvenuti kkontestaw ir-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda u ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. L-incident in kwistjoni sehh fl-24 ta’ Settembru 2002 meta l-vettura ta’ l-attur [Peugeot IAG 348] kienet ipparkjata.

2. Kienet ix-xarabank DBY 320 misjuqa mill-konvenut Lewis Abela li baqghet diehla fil-vettura ta’ l-attur. Madankollu t-Tribunal irid jistabilixxi min mill-konvenuti kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni. L-attur ma rax l-incident isehh.

3. Mix-xhieda moghtija mill-partijiet it-Tribunal huwa tal-fehma li l-htija ghall-incident hija tal-konvenut Antoine Bartolo li kien qieghed isuq il-vettura KIA HAP 037. It-Tribunal jemmen li dan il-konvenut ghamel manuvra li biha biddel id-direzzjoni minghajr ma ta pre-avviz adegwat lill-vettura ta’ warajh [xarabank numru DBY 320 misjuqa minn Lewis Abela]. Jidher li l-ewwel il-konvenut gibed il-barra fuq in-naha tal-lemin u mbaghad rega’ gibed fuq in-naha tax-xellug. Ta’ rilevanza huwa li l-konvenut Antoine Bartolo xehed li meta gie biex jaghmel il-manuvra sabiex idur ghal fuq ix-xellug tieghu, ix-xarabank ma rahiex. Minn dan il-kliem jidher li ma kienx qieghed izomm *proper lookout* ghat-traffiku li kien gej minn warajh. Dan apparti l-fatt li kull sinjal irid jinghata f’waqtu sabiex is-sewwieq ta’ wara jifhem x’manuvra tkun ser taghmel il-vettura ta’ quddiemu. Mhux bizzejjed li wiehed jixghel l-*indicator*, izda jrid jizgura li dak is-sinjal jinghata f’waqtu u jiftiehem mis-sewwieqa li jkunu gejjin min-naha ta’ wara [***“The driver’s duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can, that they have been understood”*** – Gibb, Trial of Motor Car Accidents Cases S 101 – ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Shelagh Zahra et vs Mario Cassar deciza fil-5 ta’ Ottubru 1998] Hemm ukoll divergenza bejn il-partijiet dwar jekk effettivament il-konvenut xeghelx l-*indicator* jew kif qal il-konvenut l-iehor il-*hazard lights*. Dan apparti l-fatt li mill-provi jirrizulta li Antoine Bartolo l-ewwel gibed ghal fuq il-lemin [skond kif

ighid sabiex ikollu bizzejjed spazju biex idur ghal fuq ix-xellug] u mbaghad gibed fuq ix-xellug tieghu.

4. Ghal dak li jikkoncerna l-ammont ta’ danni reklamati, dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut Antoine Bartolo jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm323.18), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------